# CELEBRAZZJONIJIET TAL-GIMGHA

# MQADDSA GEWWA .......................

# BELVEDERE MARITTIMO

It-tradizzjonijiet u l-uzanzi tar-riti religjuzi ghal matul iz-zmien tar-Randan, b'mod specjali l-Gimgha Mqaddsa ghandhom gheruq fil-profond fil-popolazzjoni tal-pajjiz Belvedere Marittimo, gewwa l-Italja. Huma tradizzjonijiet li gew mghoddija minn generazzjoni ghal ohra li ghalkemm huma semplici, jwasslu l-messagg tal-fidwa tal-bniedem minn Gesu' Kristu bl-aktar mod qawwi f'kull partecipant.



L-Ort tal-Getsemani



L-Inkurunat

Il-kant sabih ta' dawn iz-zminijiet, ic-cuqlajta, it-tromba,il-ktajjen, is-slaleb, il-vari li jinharrgu fil-processjoni, in-noti muzikali tal-banda lokali, l-altari tar-Reposizzjoni nhar il-Hamis ix-Xirka huma it-tradizzjonijiet li jzommu maghquda b'mod l-aktar devot u migbur lil poplu ta' dan il-post.

Il-Gimgha fuq l-Erbgha ta' l-Irmied jibda fil-knisja tar-Ruzarju Mqaddes, ir-rit tal-Via Sagra li jkun ripetut kull nhar ta' Gimgha sa Hadd il-Palm. Dan ir-rit jigi ccelebrat anki f'zewg knejjes ohra: dik ta' Marija Ssma tal-Grazzji (kull nhar ta' Hadd) u f'dik ta' Santa Marija tal-Poplu (kull nhar ta' Tnejn). Il-poplu ikun ilu jistenna din ic-celebrazzjoni. Xejn straordinarju f'dawn ic-celebrazzjonijiet imma s-semplicita' huwa l-ingredjent ewlieni li jaghmel minn dawn ic-celebrazzjonijiet okkazzjonijiet mistennija u devoti ghal ahhar. Il-kant devot ta' l-erbatax- il stazzjon jigbed lill-partecipanti kollha ghas-seher li ghandu fil-kliem u l-muzika u jghin bis-shih biex il-hajja tan-nisrani tiehu svolta ‘l quddiem f'dak li hu spiritwali.



L-Anglu



Il-Veronika

Imfittex hafna huwa r-rit ta' l-Erbgha tat-Tniebri. Din il-funzjoni hija karatteristikata mill-kant sabih tal-Benedictus u l-Miserere (Salm 51) u t-tnax-il xema li jintfew wahda wahda (jissimboliggjaw lit-tnax-il appostlu li abbandunaw lil Imghallem taghhom) u t-tlettax-il xema (Gesu') li titiehed mixghula wara l-artal li tfisser li ghalkemm Gesu' qatluh ma mietx, izda jqum fit-tielet jum. Jintfew id-dwal kollha u jaqa' d-dlam fil-knisja lijfisser it-terremot li sehh ghall-mewt ta' Kristu li ghalih il-prezenti jhabbtu b'idejhom fuq il-bank bil-palm ta' idejhom jew jghollu s-siggu u jitilquh jaqa'ma l-art. Jinstemghu xi hsejjes ukoll tac-cuqlajti. Kollox isir b'certu ordni u gabra u l-fidili jkomplu jitlob b'devozzjoni.



IL-KOLONNA



Segwita hafna il-processjoni tal-Gimgha l-Kbira li tibda hierga mill-knisja ta' Marija Ssma tal-Grazzji fid-9.00a.m. u tidhol lura fis-13.00pm. Fiha jingarru l-ghaxar statwi li juru mumenti tat-tbatija ta' Kristu waqt il-Passjoni. Fil-verita' il-processjoni ta' filghodu ma hiex l-unika wahda imma mill-knisja ta' Marija Ssma tal-Grazzji u dik ta' Santa Marija tal-Poplu johorgu tnejn ohra ghal-habta ta' l-ghaxra ta' filghaxija u li jghaddu minn toroq qosra. Wahda tohrog nhar Hamis ix-Xirka filwaqt li l-ohra tohrog l-ghada, fil-Gimgha l-Kbira.



Ir-Redentur



IL-MONUMENT

Hafna mir-reffiegha ikunu wirtu l-post minghand missierhom li minn naha tieghu jkun wirtu wkoll u hekk tibqa sejra l-linja tal-wirt.

Segwita hafna mill-fidili huwa l-quddies ta' Hamis ix-Xirka filghaxija bic-ceremonja tal-hasil ta' saqajn l-Appostli. Mhux inqas l-insara jattendu ghall-priedka tal-passjoni tal-Hamis filghaxija, jigifieri il-kommemorazzjoni ta' l-agunija ta' Kristu bil-kant sabih esegwit fil-knisja ta' Santa Marija tal-Poplu. Min dokumenti mizmuma fil-Knisja ta' Santa Marija tal-Grazzji il-processjoni kellha l-bidu taghha fis-sena 1767. U kienu dawn it-tradizzjonijiet semplici li zammew hajja l-fidi tal-poplu fic-ceremonji u attivitajiet religjuzi ta' dawn il-jiem.



MARIJA ADDOLORATA


SAN GWANN